# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 20 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 3**

**Avviz numru 1526/00/SM**

**Elmo Insurance Agency Ltd bhala rapprezentanti tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc (cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera Sun Alliance and London Insurance plc) bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha l-kumpanija John's Garage Ltd u l-istess John's Garage Ltd.**

**vs**

**Tania Calleja**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta bhala responsabbli ghall-kollizjoni li grat fis-7 ta' Dicembru**

**1999 f'St.Bartholomew Street, Qormi, bejn il-vettura HVY019 misjuqa minn Terence Anderson, ta' proprjeta' tal-attrici John's Garage Ltd u assikurata mal-kumpanija l-ohra attrici, u l-vettura EBB 738 misjuqa mill-konvenuta u ghalhekk responsabbli ghad-danni konsegwenzjali u (2) ghaliex m'ghandhiex tigi kkundannata thallas is-somma ta' hames mitt lira Maltin hamsa u disghin centezmu (LM500.95,0) bhala danni, kwantu ghall-erba' mija u hamsin lira Maltin u hamsa u disghin centezmi (LM450.95,0) lill-kumpanija attrici assikuratrici bhala s-somma li zbursat taht il-polza u kwantu ghall-hamsin lira Maltin lill-kumpanija attrici John's Garage Ltd bhala s-somma li batiet minn butha;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tasl-21 t'Awissu 2000 u tal-ittra ufficjali kontestwali lill-assikurazzjoni tat-konvenuta u bl-imghax ta' 8% fis-sena mid-data tal-istess ittra ufficjali kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma deheritx, la fl-14 ta' Novembru tas-sena 2001 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**